**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum l-Erbgha 25 ta` April 2018**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 540/2018 JZM fl-ismijiet :**

**World Water Fisheries Limited – C24129**

***kontra***

**Registratur tal-Bastimenti fi hdan Transport Malta**

***u***

**b`digriet tas-17 ta` April 2018 l-isem kien korrett sabiex jigi jaqra Registratur-Generali ta` Bastimenti u Bahrin**

***u***

**l-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura**

***u***

**b`digriet tas-17 ta` April 2018 l-isem kien korrett sabiex jigi jaqra Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni (**il-Mandat**) fil-5 ta` April 2018 flimkien ma` dokumenti.

Fil-5 ta` April 2018, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 17 ta` April 2018 fid-9.15 a.m.

L-intimati kienu notifikati fil-5 ta` April 2018 u pprezentaw risposta wahda fis-16 ta` April 2018, flimkien ma` dokument.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tas-17 ta` April 2018. Kienu prezentati wkoll dokumenti. Wara li d-difensuri ghamlu sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment "in camera".

## II. It-talba

Ir-rikorrenti talbet sabiex l-intimati jinzammu milli –

***Jikkancellaw mir-registru tal-Bastimenti ta` Malta l-opra tal-bahar bl-isem "MV Albasel" bin-numru ufficjali 11886 ;***

***Jikkancellaw mir-registru tal-Bastimenti ta` Malta l-opra tal-bahar bl-isem "MV Marie De Lourdes" bin-numru ufficjali 14243 ;***

***Jikkancellaw mir-registru tal-Bastimenti ta` Malta l-opra tal-bahar bl-isem "MV Marie De Lourdes III" bin-numru ufficjali 17083 ;***

***Jikkancellaw mir-registru tal-Bastimenti ta` Malta l-opra tal-bahar bl-isem "MV Marie De Lourdes V" bin-numru ufficjali 16872 ;***

***Jikkancellaw mir-registru tal-Bastimenti ta` Malta l-opra tal-bahar bl-isem "MV Marie De Lourdes I" bin-numru ufficjali 15096.***

## III. Il-fatti

Il-hames bcejjec tal-bahar mertu tar-rikors in kwistjoni huma propjeta` tar-rikorrenti. Il-hamsa huma bastimenti registrati taht il-bandiera Maltija. Ghandhom ukoll licenzja tas-sajd mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd.

Fost l-azzjonisti tar-rikorrenti, hemm Darren Debono, li fi zminijiet ricenti, kien arrestat (u ghadu arrestat) fl-Italja ghax huwa akkuzat li kien involut ma` haddiehor fl-importazzjoni llecita ta` fuel lejn l-Italja mil-Libja. Il-proceduri kontra Debono fl-Italja ghadhom pendenti. Ma jirrizultax li kontra l-istess persuna, go Malta, hemm proceduri ohra dwar allegati reati tax-xorta li bihom huwa mixli fl-Italja.

L-intimati kitbu lir-rikorrenti dwar dawn il-hames bcejjec tal-bahar. Jidher li baghtu hames avvizi, wiehed ghal kull bicca tal-bahar. Erbgha minnhom kienu prezentati mir-rikorrenti mar-rikors promotur. Ghala kienu prezentati erbgha mhux hamsa ma rrizultax. Jibqa` l-fatt mhux kontestat mill-intimati li ntbaghtu hames avvizi.

Fl-avvizi li jgibu d-data tas-7 ta` Marzu 2018, wara li saret referenza ghall-Art 29 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti kienet avzata li jekk sas-6 ta` April 2018 ma tirrimedjax, allura il-hames bcejjec tal-bahar ma jibqghux registrati fir-registru Malti.

Ghall-avvizi jidher li kien hemm twegiba wahda bil-miktub li baghat Sammy Vella fid-29 ta` Marzu 2018 fejn iddikjara ruhu bhala kompropjetarju tal-bastiment Albasel. Fiha ndika r-ragunijiet tieghu ghala m`ghandux isehh dak intimat fl-avviz.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-avukat tar-rikorrenti rrileva li ghalkemm inkitbet biss l-ittra tad-29 ta` Marzu 2018, ir-rapprezentanti tar-rikorrenti, wara l-ittri tas-7 ta` Marzu 2018, tkellmu mal-ufficjali tar-Registru tal-Bastimenti.

Ir-ragunijiet tar-rikorrenti ghala m`ghandux ikun hemm il-kancellament tar-registrazzjoni huma ndikati fir-rikors odjern ; ewlenija fost ir-ragunijiet hemm dik illi l-hames bcejjec tal-bahar huma kollha dghajjes

tas-sajd, li jinghad li dejjem intuzaw ghal dak l-iskop, minghajr l-icken suspett ta` attivita` llecita fl-esercizzju tal-licenzja taghhom.

Ghalhekk jikkontendu li ma hemm ebda raguni fondata fid-dritt ghala ghandu jkun hemm it-thassir tar-registrazzjoni.

L-intimati jghidu li l-avvizi tas-7 ta` Marzu 2018 intbaghtu fl-interess nazzjonali u tal-qasam marittimu Malti.

Ighidu li l-imputazzjonijiet li bihom huwa mixli Darren Debono fl-Italja jaghmlu hsara lill-pajjiz tenut kont li r-registru Malti huwa l-akbar wiehed fl-Ewropa u jgawdi reputazzjoni tajba hafna. Ghalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-registru Malti ma jittebbax b`agir bhal dak ta` Darren Debono u tar-rikorrenti.

Biex wasal sal-grad gholi li jinsab illum ir-registru Malti ghadda minn triq twila u l-interess nazzjonali jiddetta li xejn u hadd ma jimmina u jippregudika dak li nkiseb matul is-snin.

Skont l-intimati, il-gravita` tal-agir ta` Darren Debono u/jew tar-rikorrenti jigi mill-fatt illi nkisru s-sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta` tal-Gnus Maghquda u tal-Gvern tal-Istati Uniti li specifikament jipprojbixxu l-esportazzjoni mhux awtorizzata u llecita ta` fuel mil-Libja.

Jikkontendu li r-ragunijiet tar-rikorrenti huma nsodisfacjenti u ghalhekk ghandhom kull jedd jikkancellaw ir-registrazzjoni tal-hames bcejjec tal-bahar.

## IV. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**<u>Skont is-subinciz (1)</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skont is-subinciz (2)** –

*Il-Qorti **m`ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

L-elementi li rikorrent irid jissodisfa huma fl-ewwel lok, li jrid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, li jrid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... **huwa rekwizit oggettiv** u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad **is-subinciz (3)** li jaqra hekk –

*Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, iz-zewg intimati formalment jikkwalifikaw bhala persuni b`kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghhom. Ghalhekk b`**zieda** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq ; u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista` jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u **<u>mhux</u>** alternattivi. Dan ifisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid konsistentement qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.**

**Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix.**

**Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni.**

**Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali <u>eccezzjonali</u>. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

**V.** **<u>Risultanzi</u>**

**Il-Qorti sejra tistharreg jekk l-erba` rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat jissussistux fil-kaz tal-lum.**

**Jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, allura l-Qorti hija obbligata li ma tordnax il-hrug tal-Mandat propju ghaliex ir-rekwiziti huma kumulattivi <u>mhux</u> alternattivi.**

**a)** **<u>Id-dikjarazzjoni skont l-Art 873(3) tal-Kap 12</u>**

Fl-udjenza tas-17 ta` April 2018, kien dikjarat mill-avukat tal-intimati ghan-nom taghhom, ghall-fini tal-**<u>Art 873(3) tal-Kap 12</u>**, illi li kieku ma kienx ghall-fatt illi din il-Qorti bid-digriet taghha tal-4 ta` April 2018 laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, l-intimati kienu sejrin jipprocedu ghall-kancellament tar-registrazzjoni tal-hames bcejjec tal-bahar in kwistjoni.

**L-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.**

**b)** **<u>Dritt *prima facie*</u>**

**i)** **<u>L-Art 29 tal-Kap 234</u>**

Il-procedura tal-intimati skattat bis-sahha tal-**<u>Art 29 tal-Kap 234</u>**.

Id-disposizzjoni **<u>fl-intier taghha</u>** taqra hekk :-

*(1) Il-Ministru jista` jordna li bastiment ma jibqax ikun registrat jekk ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin.*

*(2) Ir-Registratur Generali jista` jaghti ordni li bastiment ma jibqax ikun registrat f`dawn il-kazijiet li gejjin :*

*(a) jekk id-dritt ta` kull sena ma jkunx gie mhallas kif imiss skond dan l-Att ;*

*(b) jekk il-formalitajiet specifikati fl-artikolu 13 ma jkunux gew imharsa fi zmien il-perijodi massimi specifikati fih ;*

*(c) jekk jigri li bastiment registrat jigi attwalment jew meqjus bhala mitluf, mehud mill-ghadu, mahruq jew imkisser, jew ma jibqax ikun bastiment Malti minhabba trasferiment lil persuni mhux kwalifikati li jippossjedu bastiment Malti jew minhabba xi raguni ohra ;*

*(d) jekk is-sid jonqos li josserva d-disposizzjonijiet ta` dan l-Att ;*

*(e) jekk jigi stabbilit li l-bastiment ma jigix jew ma jkunx jista` jigi registrat taht dan l-Att ;*

*(f) jekk, fejn ikun mehtieg, xi kondizzjonijiet stabbiliti mill-Ministru skond l-artikolu 4(4) ma jigux imharsa ghal perijodu ta` izjed minn xahar ;*

*(g) jekk is-sid jonqos li jhallas xi multa imposta skond dan l-Att jew xi penali fi zmien xahar minn meta jintalbu bil-miktub mir-registratur ; jew*

*(h) jekk is-sid jonqos li jkollu fil-pussess tieghu certifikat validu ta` registrazzjoni, sew provizorju sew xort`ohra, ghal perijodu ta` izjed minn xahar.*

*(3) Qabel il-hrug ta` xi ordni jew direttiva bhal dawk, ir-registratur ghandu jaghti avviz ta` xahar bil-miktub lis-sid registrat u lil kull kreditur ipotekarju registrat, dwar l-intenzjoni tieghu li jaghlaq ir-registrazzjoni kemm-il darba l-kawza ghal dak l-gheluq ma tigix rimedjata. Ir-registratur ghandu jispecifika fl-avviz ir-raguni ta` l-gheluq u d-data ta` skadenza ghall-osservanza li fin-nuqqas taghha jkollu jsir l-gheluq.*

*(4) Mal-hrug ta` xi avviz skond is-subartikolu (3), ir-registratur ghandu jaghmel notament dwar dan fir-registru u ghandu jnizzel id-data meta jiskadi l-perjodu ta` xahar.*

*(5) Ma` gheluq l-imsemmi xahar mill-ghoti ta` l-avviz u malli jircievi l-ordni minghand il-Ministru jew id-direttiva minghand ir-Registratur Generali, skond il-kaz, ir-registratur ghandu jnizzel dan fir-registru u l-bastiment minnufih ma jibqax bastiment Malti u r-registrazzjoni tal-bastiment titqies bhala maghluqa hlief safejn tirreferi ghal xi ipoteki navali u privileggi mhux sodisfatti mnizzla fiha, u l-krédituri ipotekarji jkollhom id-dritt li jitolbu l-bejgh immedjat tal-bastiment jew sehem fih*

*bhallikieku d-debitur ma zammx mal-kundizzjonijiet kollha li tahthom ikun inghata l-kreditu.*

**ii) <u>Office of Foreign Assets Control tad-Dipartiment tat-Tezor tal-Istati Uniti (OPAC)</u>**

Jirrizulta li l-Kunsill tas-Sigurta` tal-Gnus Maghquda (**<u>UNSC</u>**) adotta rizoluzzjonijiet (ara Dok VB1 u d-dokumenti annessi man-nota tal-intimati tas-17 ta` April 2018) sabiex fid-dawl ta` *attempts to illicitly export crude oil from Libya* u sabiex tkun riaffermata *the importance of international support for Libyan sovereignty over its territory and resources* ma kellux ikun hemm *illicit production, refining, brokering, sale, purchase or export of Libyan oil.*

Jirrizulta li abbazi tar-rizoluzzjonijiet tal-UNSC, il-President tal-Istati Uniti hareg Presidential Executive Order (**<u>PEO</u>**) 13726 fejn impona frizar ta` assi ta` persuni nvoluti kemm fl-*illicit exploration of crude oil or any other natural resources in Libya* kif ukoll *in the illicit production, refining, brokering, sale, purchase or export of Libyan oil*.

Jirrizulta li l-Office of Foreign Assets Control tad-Dipartiment tat-Tezor tal-Istati Uniti (**<u>OPAC</u>**) kien indika : a) lil Darren Debono b) lir-rikorrenti c) lill-bastiment Marie De Lourdes d) lill-bastiment Marie De Lourdes I u e) lill-bastiment Marie De Lourdes V (ara Dok RB1) fost persuni li l-attivita` taghhom kellha tkun sorveljata.

**iii) <u>Sanctions Monitoring Board tal-Gvern Malti</u>**

Fit-**<u>3 ta` Marzu 2018</u>**, il-Bord ta` Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (**<u>SMB</u>**) hareg *Libya Sanctions Guidance Note* fejn wara li rrefera ghall-premess (Dok VB1) qal hekk :-

*8. The SMB is therefore calling for **<u>special attention</u>** regarding the decision taken by the OFAC, considering that Maltese national and legal persons, entities and bodies feature on the list. The SMB **<u>strongly</u>** recommends that all economic operators and financial institutions in the Republic of Malta exercise **<u>enhanced due diligence</u>** when dealing with the persons, entities and bodieds listed by the OFAC and with assets belonging to these persons, entities and bodies. Economic operators and financial*

*instutions should* ***closely monitor and record*** *the activities and transactions carried out by the persons, entities and bodies on the list and ensure that they keep an up to date record of all assets, funds and economic resources held by the said persons entities and bodies with them.* (enfasi ta` din il-Qorti)

**iv) L-ittra Dok RB2 a fol 29**

Jirrizulta li fis-**6 ta` Marzu 2018**, ic-Chairman tal-SMB kiteb lill-Ministru ntimat fejn gharrfu li *the Board`s recommendation is for Transport Malta to actively consider the de-flagging the mentioned vessels in tgerms of Article 29 of the Merchant Shipping Act* ghaliex ighid illi fil-fehma tal-Bord *in doing so Malta would be sending a strong message, nationally and internationally on matters relating to the observance of international law.*

**v) Konsiderazzjonijiet**

Mill-assjem ta` fatti li ngiebu ghall-konjizzjoni ta` din il-Qorti, huwa bil-wisq evidenti li l-ordni sabiex il-hames bastimenti ma jibqghux registrati taht il-bandiera Maltija kienet se ssir mill-Ministru skont l-**Art 29(1) tal-Kap 234** u cioe` *fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin* **mhux** ghal xi raguni ndikata fl-**Art 29(2) tal-Kap 234**.

Huwa wkoll bil-wisq evidenti, anke bhala *time frames,* illi l-hames avvizi hargu skont l-**Art 29(3) tal-Kap 234.**

**Dan premess, tghid mill-ewwel illi d-direttiva tal-OPAC kif ukoll fl-ittra Dok RB2, il-bastimenti Albasel u Maria De Lourdes III, anke jekk propjeta` tar-rikorrenti, ma jirrizultaw fl-ebda rapport esteru dwar l-esportazzjoni llecita ta` fuel mil-Libya.**

**Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha jedd *prima facie* titlob il-hrug tal-Mandat fir-rigward ta` dawn it-tnejn.**

Dan ukoll premess, ghalkemm l-intimati jsostnu li huma rcevew risposta wahda bil-miktub (Dok FFV1) ghall-avvizi, mhux kontestat dak

mistqarr waqt l-udjenza tas-17 ta` April 2018 illi wara li hargu l-avvizi, ir-rappresentanti tar-rikorrenti ghamlu r-rappresentazzjonijiet taghhom lill-intimati bil-fomm.

**Il-Qorti tistqarr illi mhijiex felici l-posizzjoni li ha l-SMB vis-à-vis il-Ministru fuq l-iskorta tat-taghrif li kellu ghad-disposizzjoni tieghu.**

**Tghid dan ghaliex imkien fid-Dok VB1 (tat-3 ta` Marzu 2018) ma kien rakkomandat id-*deflagging* tal-bastimenti in kwistjoni *ghalkemm kienet rakkomandata special attention, enhanced due diligence u close monitoring and recording of activities.***

**Li mbaghad f`temp ta` tlitt ijiem u cioe` 6 ta` Marzu 2018, il-qaghda tal-SMB tinbidel b`mod accentwat sabiex tirrakkomanda addirittura d-*deflagging* tal-bastimenti, bil-konsegwenzi gravi kollha li din timporta, u li bl-ebda mod ma kienet imfissra – la ftit lanqas wisq – la fir-risposta tal-intimati u lanqas waqt it-trattazzjoni tar-rikors.**

**Accertat illi l-kontestazzjoni tar-rikorrenti kontra d-*deflagging* fil-kaz tal-bastimenti kollha nvoluti hija migbura fid-Dok FFV allura hija gustifikata tal-inqas sal-livell ta` *prima facie* t-talba tar-rikorrenti illi wara li zzomm mill-bastimenti in kwistjoni jitnehhew mir-registru, tikkontesta l-pretensjoni tal-intimati fil-mertu.**

**Naturalment dan tkun trid taghmlu b`azzjoni fil-mertu skont l-Art 469A tal-Kap 12.**

**Ghalhekk it-tieni rekwizit huwa sodisfatt fir-rigward tal-hames bastimenti.**

**c) <u>Il-htiega</u>**

Il-finalita` tal-procediment skont l-Art 29 tal-Kap 234 (ara s-subinciz 5) huwa li l-bastimenti ma jibqghux bastimenti Maltin u r-registrazzjoni titqies maghluqa.

Din il-mizura ghandha konsegwenzi gravi hafna u ta` kull xorta.

Fil-provvediment li tat fit-18 ta` Dicembru 2009 fil-kaz ta` **Ohanebo vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** din il-Qorti diversament presjeduta kienet irrimarkat illi l-element tal-htiega jorbot mal-fatt li r-rikorrent ma jkunx jista` jitlob il-hrug tal-Mandat jekk l-ilment ikun jista` jigi ndirizzat xort`ohra.

**Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-htiega propju ghaliex il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tistax tkun sodisfatta b`xi azzjoni diversa ghajr ghall-kontestazzjoni fil-mertu tal-pretensjoni tal-intimati li l-hames bastimenti m`ghandhomx jibqghu taht il-bandiera Maltija.**

**d) L-isproporzjon fil-pregudizzju**

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-pregudizzju huwa sporporzjonat kontra r-rikorrenti.

Diversi huma l-persuni mpjegati fuq il-hames bastimenti. Hadd minnhom ma huwa investigat jew akkuzat.

Id-*deflagging* ta` bastiment jaghmel dak il-bastiment *stateless*.

Ghax ikunu *stateless*, il-hames bastimenti jitilfu d-drittijiet kollha li ghandhom sal-lum inkluz u mhux biss il-licenzja tas-sajd illi fl-UE tfisser hafna.

Min-naha l-ohra l-Qorti jidhrilha li b`mizura drakonjana bhal dik proposta lill-Ministru tkun qeghda tittiehed azzjoni premature, meta l-procediment kontra l-allegat protagonista tal-illecitu ghadu sub judice bil-

garanziji kollha li akkuzat ghandu nkluz izda mhux biss il-jedd ghall-presunzjoni tal-innocenza sakemm tkun ippruvata l-htija tieghu `l hinn mid-dubju dettat mir-raguni.

Il-Qorti tqis illi r-reputazzjoni tajba hafna li ghandha l-bandiera Maltija ghall-fini ta` registrazzjoni ta` bastimenti bl-ebda mod ma sejra tkun pregudikata jekk ir-rikorrenti tithalla, taht il-kappa tal-Mandat, tikkontesta fil-mertu d-decizjoni tal-intimati li jaghlqu r-registrazzjoni tal-hames bastimenti.

**Propju ghaliex il-pregudizzju li tista` jgarrab ir-rikorrenti bil-fatt illi ma jkunux milqugh il-Mandat huwa bil-wisq sporporzjonat kontra taghha meta mqabbel ma` dak li jistghu jgarrbu l-intimati, il-Qorti ssib li anke l-ahhar rekwizit huwa sodisfatt.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Il-kap tal-ispejjes ta` dan il-procediment ghandu jkun regolat skont ma jkun deciz finalment fil-kawza fil-mertu dwar il-jedd.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**